IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

**Stqarrija għall-Istampa**
**Il-Lussemburgu, is-17 ta' Frar 2015**

# Il-kumplessità tal-politika ta’ żvilupp rurali u s-sistemi ta' kontroll dgħajfa tal-Istati Membri huma l-kawżi prinċipali tar-rata għolja ta' żball fl-infiq, jgħidu l-Awdituri tal-UE

**Rapport ippubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jsib li l-biċċa l-kbira mill-iżbalji fil-politika ta’ żvilupp rurali huma dovuti għall-ksur ta' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri. L-awtoritajiet ta' kontroll tagħhom setgħu u kien imisshom qabdu u kkoreġew il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li affettwaw il-miżuri ta' investiment fl-iżvilupp rurali. Is-sistemi ta' kontroll tagħhom fihom defiċjenzi minħabba li l-kontrolli mhumiex eżawrjenti u huma bbażati fuq informazzjoni insuffiċjenti.**

*"Huwa importanti li nifhmu għalfejn ir-rata ta' żbalji fil-politika ta’ żvilupp rurali hija għolja b'mod inaċċettabbli. Il-qofol biex innaqqsuha huwa li jinsab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-għadd u l-kumplessità tar-regoli li jirregolaw l-infiq – li jgħinu biex jinkisbu għanijiet tal-politika bħat-titjib tal-kompetittività agrikola – u l-isforzi biex tiġi garantita l-konformità ma' regoli bħal dawn,"* ***ikkummentat Rasa Budbergytė, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport****.*

L-awdituri stmaw li r-rata medja ta' żball għan-nefqa għall-iżvilupp rurali matul it-tliet snin 2011-2013 kienet ta' 8.2 %, li hija aktar minn erba' darbiet daqs il-livell limitu ta' materjalità. Il-miżuri ta' investiment (prinċipalment għotjiet għax-xiri ta' makkinarju agrikolu u ta' makkinarju għall-ipproċessar tal-ikel) irrappreżentaw żewġ terzi minn din ir-rata ta' żball, u l-għajnuna "relatata mal-erja" (inkluż il-kumpens għal spejjeż addizzjonali mġarrba bl-użu minn tekniki tal-biedja li jipproteġu aktar l-ambjent) irrappreżentaw terz.

L-awdituri tal-UE sabu li, fir-rigward tal-miżuri ta' investiment, l-**informazzjoni meħtieġa biex jinqabdu u jiġu kkoreġuti l-iżbalji kienet disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri** iżda f'ħafna każijiet jew ma ntużatx jew ma ntalbitx. L-awdituri sabu li 16 % biss mir-rata ta' żball irriżultat minn nuqqas ta' konformità ma' dispożizzjonijiet diretti ta' regolamenti tal-UE, filwaqt li l-akbar proporzjon – 84 % - kienet dovuta għall-ksur ta' kundizzjonijiet stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri.

Fir-rigward tal-miżuri ta' investiment, l-awditu żvela li **korpi pubbliċi huma sors sinifikanti ta’ żball minħabba nuqqas ta’ konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku**. Il-Qorti sabet żewġ raġunijiet prinċipali għal dan: l-ewwel, il-proġetti ta’ infrastruttura rurali kienu sikwit jiġu implimentati minn muniċipalitajiet żgħar, li spiss kellhom esperjenza limitata ta’ twettiq ta' proċeduri ta’ akkwist pubbliku; it-tieni, ċerti benefiċjarji ppreferew jaħdmu ma’ kuntratturi speċifiċi, li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu pprovdew oġġetti jew servizzi simili qabel, u għalhekk ingħataw il-kuntratti direttament. Fl-ebda okkażjoni l-aġenziji tal-pagamenti ma oġġezzjonaw għal dan, għalkemm il-**prinċipji bażiċi tal-akkwist ta’ trasparenza, oġġettività, nondiskriminazzjoni u divulgazzjoni xierqa ma kinux ġew osservati.**

L-awdituri sabu li l-miżura li tappoġġa l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, fejn l-għajnuna pubblika tista' tammonta għal bosta miljuni ta' euro għal kull proġett, kienet l-aktar waħda suxxettibli għal żball. Il-ksur mhux intenzjonat ta' kriterji ta' eliġibbiltà minn benefiċjarji pubbliċi u privati rrappreżenta kwart mir-rata ta' żball, filwaqt li ksur intenzjonat suspettat minn benefiċjarji privati kkontribwixxa parti waħda minn tmienja tar-rata ta' żball.

Għall-għajnuna relatata mal-erja, il-kawża prinċipali ta' żball kienet in-nuqqas ta' konformità ma' impenji tal-biedja, li seħħew minħabba **inċentivi baxxi biex il-bdiewa jikkonformaw, rata baxxa ta' kontroll għal impenji u rata baxxa ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità**.

L-awdituri sabu li l-Kummissjoni miexja fid-direzzjoni t-tajba fl-indirizzar ta' x'jikkawża l-iżball, permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni. Madankollu, waħda mid-dgħufijiet hija li l-**pjanijiet ta’ azzjoni implimentati mill-Istati Membri għandhom prinċipalment rwol reattiv** u ma jindirizzawx sistematikament il-problemi kollha li kkawżaw l-iżbalji. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta’ azzjoni preventiva kontra d-dgħufijiet prinċipali mifruxa fil-livell tal-UE.

L-analiżi u l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta’ oqfsa regolatorji nazzjonali għandhom l-akbar potenzjal għat-tnaqqis tal-iżbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali.

**Ir-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri**

- Il-Kummissjoni għandha tikkompleta l-azzjonijiet korrettivi li hija ħadet sa issa billi tkompli tiffoka fuq il-kawżi fundamentali ta’ żball għan-nefqa għall-iżvilupp rurali. F'dan ir-rigward, fejn rilevanti, għandhom jittieħdu azzjonijiet preventivi u korrettivi mill-Istati Membri fir-rigward tal-akkwist pubbliku, iċ-ċirkomvenzjoni intenzjonata tar-regoli u tal-pagamenti agroambjentali.

***L-iskop ta’ din l-istqarrija għall-istampa u tan-noti lill-edituri huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli f'www.eca.europa.eu***

- Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali mill-qrib u, fl-awditi tal-konformità tagħha, tieħu kont tar-regoli applikabbli, inklużi dawk adottati fil-livell nazzjonali fejn rilevanti, sabiex jitnaqqas ir-riskju li jiġu ripetuti dgħufijiet u żbalji.

**Noti lill-edituri**

Ir-rapporti speċjali tal-QEA huma ppubblikati matul is-sena kollha u jippreżentaw is-sejbiet ta' awditi magħżula ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi tal-UE.

Dan ir-Rapport Speċjali (Nru 23/2014), intitolat "**Żbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali: x'jikkawżahom, u kif qed jiġu indirizz ati?**" jiffoka fuq il-konformità tal-implimentazzjoni tal-iżvilupp rurali mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u jiddeskrivi l-kawżi prinċipali tar-rata għolja ta' żball għall-iżvilupp rurali. Huwa jivvaluta wkoll jekk huwiex probabbli li, fil-ġejjieni, il-passi meħuda mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni jindirizzaw b'mod effettiv il-kawżi identifikati. Ir-rapport jinkludi informazzjoni li saret disponibbli għall-awdituri sa tmiem Settembru 2014.

L-UE u l-Istati Membri allokaw aktar minn EUR 150 biljun għall-politika ta' żvilupp rurali matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, maqsuma kważi ndaqs bejn miżuri ta' investiment u għajnuna relatata mal-erja. In-nefqa għall-iżvilupp rurali hija implimentata permezz ta' ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali fil-livell territorjali xieraq, skont l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom stess. Il-Kummissjoni hija responsabbli għas-superviżjoni tal-Istati Membri biex tiżgura li jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom.

Il-livell sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli, kif rifless fir-rata għolja ta' żball, ifisser li l-flus ikkonċernati ma jintnefqux skont ir-regoli. Dan jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ilħuq tal-objettivi tal-politika ta' żvilupp rurali, bħat-titjib tal-kompetittività tal-agrikoltura u tal-forestrija, it-titjib tal-ambjent u tal-pajsaġġ, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika.

Żbalji huma materjali jekk jolqtu aktar minn 2 % tal-infiq.

**ECA Press**
**Damijan Fišer - Uffiċjal tal-Istampa**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**T: (+352) 4398 45410** **M: (+352) 621 55 22 24**
**E: press@eca.europa.eu** **@EUAuditorsECA** **Youtube: EUAuditorsECA** **eca.europa.eu**